MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 65/2002/1

**Dr. Joseph Ellis bhala mandatarju ta' Hellmut Karle**

**vs**

**Dr. Alfred Grech**

It-Tribunal ,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"L-attur nomine ghadda lill-konvenut is-somma ta' elf u mitejn lira (Lm 1,200) bhala depozitu ghal drittijiet legali u spejjez legali inkorsi mill-konvenut fil-patrocinju tal-attur nomine da parti tal-konvenut f'kawza illi l-attur nomine ghandu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri. Wara illi l-konvenut ma baqax jippatrocina lill-attur nomine, il-konvenut gie mistieden jghaddi l-kont ghas-servizzi li rrenda lill-attur nomine izda minkejja bosta tentattivi f'dan is-sens, inkluz ir-ritorn tal-process lill-konvenut sabiex ikun jista' johrog dan il-kont, il-konvenut naqas illi johrog l-istess kont.

Sussegwentement, l-attur nomine ppropona soluzzjoni bonarja u l-konvenut accetta illi jirrifondi s-somma ta' hames mitt lira (Lm 500) izda minkejja bosta weghdiet da parti tal-konvenut illi se jibghat cekk ta' Lm 500 – anke sa ftit gimghat ilu – dan il-pagament ma mmaterjalizza qatt."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-28 ta' Gunju 2002 u dik tal-lum;

Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' Dr. Joseph Ellis li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;

Illi pero' certament il-konvenut ghandu jedd jithallas ghas-servizzi professjonali li lahaq irrenda lill-attur li qeghdin jigu stmati ekwitattivament minn dan it-Tribunal fis-somma ta' LM500.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata in parti u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' seba' mitt liri Maltin (LM700), bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur